Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Jannar 2016**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0003 (NLE)**

**5608/16**
**ADD 9**

**ACP 14**
**WTO 9**
**COAFR 15**
**RELEX 60**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' Jannar 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 8 final - Annex 2 - Part 8/8 |
| Suġġett: | ANNESS ta' [...] Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 8 final - Annex 2 - Part 8/8.

---

Mehmuż: COM(2016) 8 final - Annex 2 - Part 8/8

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.1.2016
COM(2016) 8 final

ANNEX 2 – PART 8/8

# ANNESS

**ta' [...]**

**Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra**

# <u>ANNESS</u>

## ANNESS I: Dazji doganali tal-UE fuq prodotti li joriġinaw fl-Istati SADC EPA — Parti 8

## DAZJI DOGANALI TAL-UE FUQ PRODOTTI LI JORIĠINAW FL-ISTATI SADC EPA

## PARTI III

## TRATTAMENT TA' PRODOTTI TAT-TITOLU TARIFFARJU 1701 LI JORIĠINAW MILL-BOTSWANA, IL-LESOTO, IL-MOZAMBIQUE, IN-NAMIBJA U S-SWAZILAND

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34, tfixkil fis-swieq ta' prodotti bl-intestatura tariffarja 1701 jista' jitqies li jitfaċċa f'sitwazzjonijiet fejn il-prezz tas-suq tal-UE taz-zokkor abjad jaqa' matul xahrejn konsekuttivi taħt it-80 fil-mija tal-prezz tas-suq tal-UE għaz-zokkor abjad li jkun prevalenti matul is-sena kummerċjali ta' qabel.

2. L-Artikolu 24, Paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw mill-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja u s-Swaziland u li jitpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej. Din id-dispożizzjoni għandha tkun applikabbli għal perjodu ta' għaxar (10) snin, b'effett mid-data msemmija fil-paragrafu 1 tal-Parti I ta' dan l-ANNESS. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' għaxar (10) snin sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.